Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2016/C 146/05)



Wiċċ nazzjonali ġdid għall-munita kommemorattiva taż-EUR 2 maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Finlandja

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Sabiex tinforma lill-pubbliku u l-partijiet kollha kkonċernati li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ([1]). Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ([2]), l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jistipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Pajjiż tal-ħruġ: Il-Finlandja

Suġġett tal-kommemorazzjoni: Il-100 Anniversarju mit-twelid tal-filosfu Georg Henrik von Wright

Deskrizzjoni tad-disinn: Fuq in-naħa ta' ġewwa tal-munita hemm pilastru doriku antik, u fergħa tal-ballut fuq ix-xellug. L-iskrizzjoni "GEORG HENRIK VON WRIGHT" tinsab f'nofs ċirku mix-xellug għal-lemin u s-sena tal-ħruġ "2016" tinsab fuq in-naħa ta' fuq, fuq il-lemin. Fuq in-naħa ta' fuq tal-lemin hemm l-indikazzjoni tal-pajjiż li qed joħroġ il-munita "FI" u l-marka taz-zekka.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

Għadd ta' muniti li għandhom jinħarġu: 1 000 000

Data tal-ħruġ: Ottubru 2016

([1]) Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

([2]) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).